Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAS-SITTA U SITTIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 29 ta' Dicembru 2011 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 8.00pm |

**KULHADD KIEN PREZENTI U FIL-HIN Prezenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | | |
| **Kunsilliera** | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Stefan Cordina, Sindku.**

## 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Il-minuti gew approvati bla korrezzjonijiet bl-eccezzjoni tas-Sur Zammit li saqsa fuq punt li kien ressaq f'din il-laqgha fejn semma li barra hdejn il-flats ir-Rotta 106 kellha tibda tghaddi minn Victor Vassallo. Is-Sur Cordina ta' spjegazzjoni li hu kien diga' wassal l-ilment mal-Arriva fuq din ir-rotta u kein qed jipprova sabiex l-Arriva tghaddi wkoll minn Victor Vassallo.

## 2. KORRISPONDENZA

🗁 E-mail minghand Corey Farrugia rigward talba sabiex jigi allokat spazju ghall-klieb. Is-Sur Spiteri qal li kien diga' gie identifikat post fejn l-isptar Monte Carmeli u li suppost kellhom jigu rilokati l-qtates fih. Suppost iridu jittiehdu l-qisien sewwa sabiex isir speci ta' *chicken wire* u l-qtates jigu rilokati hemm. Is-Sur Cassar qal ukoll li ma tantx hawn areas fejn tista' taghmel xi haga bhal din u jekk ikun hemm il-hsieb li xi art tinghata ghall-skopijiet pubblici l-ewwel prominenza tinghata lit-tfal sabiex ikollhom fejn jirrikrejaw ruhhom peress li ftit ristretti bhalha rikrejazzjoni.

🗁 E-mail minghand resident rigward problema ta' parkegg fil-kantuniera ta' Triq il-Ballut ma' Triq Victor Vassallo. Gie suggerit li tigi mmarkata t-triq sew, isir xi *signage* u jekk jista' jkun jintbghat gwardjan ukoll.

Is-Sur Zammit f'dan il-waqt, semma l-mozzjoni li hu kien ressaq imma s-Sur Cordina qallu li din ha tigi diskussa iktar 'l quddiem.

## 3. RAPPORTI – XOGHOLIJIET

Is-Sur Cordina nforma l-Kunsill fuq l-andament tax-xoghol fi Gnien Hal Warda. Hu qal li x-xoghol miexi bil-mod. Is-Sur Spiteri saqsa fuq l-ispejjez tal-monitoragg u s-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li l-ispejjez tal-monitoragg huma dawk elenkati fl-iskeda tal-pagamenti u huma finali minhabba li issa ma fadalx skavar iktar. Is-Sur Cassar ressaq proposta sabiex isiru konok ghas-sigar fi Triq Xatbet l-Art. Is-Sur Cordina qal li meta l-Gvern jkun wasal biex jaghmel dan ix-xoghol ha tingibed l-attenzjoni sabiex dawn isiru. Qal ukoll li hemm il-hsieb li jsiru *culverts* sabiex jinqabad l-influss tal-ilma imma jekk isiru ma jridx ikollok kwantita' ta' sigar biex il-weraq ma jispiccax go fihom u jinblokkhom.

Is-Sur Cordina kompla billi qal li harget l-*Expression of Interest* u wara li ghalqet fit-30 ta' Novembru gew miftuhin il-proposti. L-*expression of interest* kienet ghall-*Open Air Gym*

u *playground equipment* fi Gnien Hal Warda u *playground equipment* fi Gnien l-Istazzjon. Kien hemm zewg proposti ta' Alhag Limited u s-Sur Mario Mario. Il-perit ha jhejji rapport dwar is-sottomissjonijiet.

Is-Sur Cordina qal ukoll li fuq inizjattiva tas-Segretarju Ezekuttiv permezz ta' zewg skemi li ghalihom hi tefghet l-applikazzjonijiet il-Kunsill inghata €10,000 ghall-accessibilita' u €500 ghall-Festa Frott.Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li applikat ukoll sabiex jingabu fondi appuntu ghall-apparat imsemmi iktar 'il fuq taht l-iskema tal-irrangar ta' *playing fields* li ghalihom qed tistenna risposta.

Is-Sur Cordina ma naqasx isemmi t-talba ghall-*sponsorship* min-naha tal-BOV ta' madwar €6000 li jkunu t' ghajnuna kbira ghall-*open air gym*.

Barra dan kompla s-Sur Cordina saret ukoll b'xejn bankina gdida fi Triq Lorenzo' Manche' fuq insistenza tieghu mal-Ministeru kkoncernat.

Is-Sur Cassar semma wkoll il-bzonn li jigi rrangat l-*istage* ta' hdejn il-flats u bicca bankina fi Triq Kananea filwaqt li s-Sur Spiteri saqsa jekk hemmx xi programm ta' bankini ghas-sena d-diehla. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li qabel ma tkun taf l-ammont tal-allokazzjoni ma tistax tghid kemm jistghu isiru bankini imma tkun tista' taghti stampa cara meta jkun lest il-*Budget* fil-laqgha li jmiss.

Is-Sur Cordina xtaq jiccara xi haga wkoll fuq xogholijiet. Hu qal li qed jinghataw struzzjonijiet lis-Sur Caruana minn kandidati prospettivi ghall-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, sabiex isiru xogholijiet minghajr il-kunsens tal-Kunsill. Hu qal li dawn l-affarijiet qatt ma kienu jsiru qabel w'ghalhekk xtaq li bil-kunsens ta' kulhadd jigi ccarat li talbiet ghall-manutenzjoni ta' xogholijiet ezistenti jistghu isiru basta tkun infurmata l-amministrazzjoni tal-Kunsill, imma talbiet ghall-xogholijiet godda jridu jsiru dirett mir-resident lill-Kunsill Lokali.

**4. APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET NOVEMBRU**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-approvazzjoni l-hlasijiet ta' Novembru. Dawn gew approvati.

**5. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP PROGRAMME**

Wara diskussjoni fit-tul fejn fost affarijiet ohra s-Sur Cordina ppropona li jinghataw kisja biss gie deciz li minhabba li kif qal is-Sur Spiteri l-ispiza hija kbira u ha tkun burden kbir fuq il-Kunsill ahjar ma tittehidx decizjoni minn dan il-Kunsill. Idejalment minfolk Triq l-Ghenba ssir Triq Kananea imma li ha jsir hu li ha jigi ffissat appuntament ma' Chris Said sabiex jigi diskuss kif dawn it-toroq jistghu isiru bl-inqas impatt u spejjez zejda.

**6. STAFF U APPROVAZZJONI TA' PERFORMANCE BONUS**

Is-Segretarju Ezekuttiv bdiet billi talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sur Philip Caruana peress li kien fadallu biss sena u xahar ghall-pensjoni jigi mtella' l-full tal-i*scale* 11. Is-Sur Bartolo qal li sakemm ma jkunx hemm oggezzjoni min-naha tad-Dipartment hu ma jarax ghala dan ma jistax isir. Kulhadd qabel.

Is-Sur Zammit hawnhekk intervjena fuq is-Sinjura Julie Cachia u fuq hi kif qed tahdem is-sieghat taghha. Hu qal li din qed tkun l-ufficcju spiss meta suppost din tahdem is-Sibtijiet biss. Is-Sur Cordina qal li diga' kien deciz qabel li kull meta xi hadd mill-iskrivani jkun bil-leave jew sick hi ha tidhol minflokhom. Is-Sur Remigio Bartolo qal li ma jara xejn hazin jekk din hi mpjegata part-time sakemm din tahdem mhux iktar minn 20 siegha fil-gimgha skond il-ligi. Is-Segretarju Ezekuttiv provdiet ir-rassenja tas-Sinjura Cachia fejn uriet li hi dawn l-ahhar xaghrejn hadmet 29.5 siegha f'Ottubru u 58 siegha f'Novembru kull erba' gimghat u ghalhekk ma qabzietx it-80 siegha kull erbgha gimghat. Is-Sur Zammit xorta oppona li hi tiddahhal extra barra s-Sibtijiet ghax qal li l-ftehim kien li din

tigi mpjegata s-Sibtijiet biss u diga' biss biss kienet impjegata minn wara dahar xi membri tal-Kunsill minghajr ma kienu nfurmati. Is-Sur Cordina qal li ma jistax ikun li kull meta tasal xi diskussjoni fuq l-istaff is-Sur Zammit joqghod jaqla' l-hama. Qal li dan kien ghadda issa u hi qed tahdem biss meta xi hadd ikun nieqes. Is-Sur Zammit irribatta li m'hemmx bzonn tiddahhal fin-nuqqas ta' xi hadd, filwaqt li s-Segretarju Ezekuttiv irrimarkat li x-xoghol fl-ufficcju zdied f'dawn l-ahhar snin u hi mhix obbligata li toqghod front office flok il-clerks meta hemm impjegata li tista' tissottwixxi lill-impjegati l-ohra. Is-Sur Zammit qal li hawn mhux zdied ix-xoghol imma naqset l-efficcjenza. Hawnhekk is-Segretarju Ezekuttiv qalet li jrid ikun l-ufficcju kuljum, tmien sieghat shah biex ikun jaf l-ammont ta' xoghol li hemm l-ufficcju. Is-Sur Zammit qal li ma jarax li zdied ix-xoghol ghax kull meta jcempel dejjem jghidulu li qeghda barra. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li jaf bizzejjed li xogholha barra daqs kemm hu gewwa, la parti minnu u sal-bierah stess kienet barra fuq ghotja ta' skema mas-Sur Cordina, bhall-fatt ukoll li hadd ma jista' jaghmilha x-xoghol ta' *back office* taghha u ghalhekk hi ma thossiex li ghandha toqghod front office ukoll.

Is-Sur Zammit saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv dan minn mindu hi ma thossx li ghandha toqghod *front office*? Is-Segretarju irribattiet kif zvijaw mid-diskussjoni fuq is-Sinjura Julie Cachia u dar id-diskors fuqha qisha hi qed tigi attakkata. Is-Sur Zammit irribatta billi qal lis-Segretarju Ezekuttiv biex ma thalliex rasha tikbrilha ghax iz-zminijiet jinbidlu u n-nies jistghu jinbidlu wkoll. Is-Sur Cordina saqsa jekk din hix theddida filwaqt li s-Segretarju Ezekuttiv qalet li din hi politika. Is-Sur Zammit innega li din hi politika imma s-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet li jekk din mhix politika allura ghalfejn dar l-attakk fuqha u jekk hu hekk meta jasal iz-zmien u l-waqt imbaghad jaraw sa dak iz-zmien.

Is-Sur Zammit rega' qal li ma jaqbilx li ghandha tiddahhal iktar mis-Sibtijiet biss. Is-Sur Remigio Bartolo qal li s-Segretarju Ezekuttiv hu responsabbli amministrattivament u ma jahsibx li jekk m'hemmx bzonn li tingab l-ufficcju, din ha tingab ghall-xejn. Is-Sur Zammit temm din id-diskussjoni billi qal li jekk jigi mpjegat ufficcjal gdid trid issir applikazzjoni gdida u l-Kunsill kollu jkun fuq il-Bord tal-Evalwazzjoni.

Is-Sur Cordina saqsa s-Segretarju Ezekuttiv fuq l-evalwazzjoni taghha rigward il-Performace Bonus u talab biex jibdew mis-Sur Caruana. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hi m'ghandha xejn hazin x'tghid fuq is-Sur Caruana u li hu bomba f'xoghlhu. Is-Sur Zammit qal li jhossu sorpriz li s-Segretarju Ezekuttiv qed tghaddi kummenti pozittivi fuqu meta lanqas biss riditu jigi mpjegat. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li wahda ma tistax ma tghidx li s-Sur Caruana jaghmel xoghol tajjeb fuq barra imma li xorta ghadha tal-opinjoni li fost il-kandidati kien hemm haddiehor ahjar u aqwa minnu specjalment fejn jidhol xoghol klerikali u dan bl-ebda disrispett lejn is-Sur Caruana. Hi proponiet li hu jinghata 6% (il-full) bhalha Performance Bonus u l-Kunsill qabel.

Giet mitluba tghaddi kummenti wkoll fuq is-Sinjorini Calleja u Cassola. Hawnhekk hi qalet li fl-opinjoni taghha jisthoqqilhom ukoll il-full. Is-Spiteri qal li s-Segretarju Ezekuttiv jghaddi l-gudizzju tieghu fuq bazi personali u mhux professjonali u ghaliha dejjem il-full jisthoqqilhom. Hi qalet li dan hu minnu ghax ma thobb taghmel hsara lill-hadd. Is-Sur Bartolo qal li hadd mhu perfett u li qatt ma tista' tinghata' l-full tal-Performance Bonus lanqas f'Dipartiment tal-Gvern. Is-Sur Cassar irrimarka l-istess. Is-Sur Spiteri propona 5% (minn 6%) l-istess ghas-Sinjorini Calleja u Cassola filwaqt li ghaddew kummenti pozittivi fuqhom specjalment fuq is-Sinjorina Calleja. Kulhadd qabel.

Is-Segretarju Ezekuttiv intalbet tohrog mill-kamra sabiex jigi diskuss l-ammont li ghandu jinghata lilha. Hi qalet li ma thossx li ghandha tohrog u li ghaliha xorta jekk ikunu open. Is-Sur Spiteri qal li jhoss li ghandu jsir hekk galadarba dan kien isir u jintalab mis-Sindku precedenti. Saret diskussjoni fil-maghluq u kif intalbet tidhol din giet infurmata li nghatat 9% bhalha Performance Bonus. Hi rringrazzjat lill-Kunsill.

Is-Sur Zammit talab biex tigi diskussa l-mozzjoni rigwardanti l-fergha tal-HSBC li hu ressaq bhalha proponent flimkien mas-Sur John P. Bonnici. Peress li kien hemm nuqqas ta' qbil fuq il-kliem u giet imressqa wkoll emenda ghall-mozzjoni il-Kunsill ghadda ghall-votazzjoni.

Mozzjoni: 3 favur – 4 kontra Mozzjoni m'ghaddietx
Emenda Mozzjoni: 7 favur Emenda ghaddiet

**7. PROGETT LATRINI PUBBLICI – GNIEN IL-PALMA**

Dan l-item gie diskuss fil-qosor u ha jsiru kuntatti mal-IPSL sabiex jinghata skilled worker bhalha ghajnuna u dawn jigu rrangati mill-haddiema taghna u mmodernizzati mill-aktar fis possibbli**.**

**8. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dan il-punti:

- Xtaq jaghmel kjarifika fuq il-punti li tressqu mill-Awditur Generali: il-Kunsill gie mmultat €2914.01 li kienu jikkonsistu f'prezentazzjoni tal-Audited Financial Statements u Management Letter fl-1 ta' Gunju 2011 flok fit-2 ta' Mejju 2011 u Risposta ghall-Management Letter mhux mibghuta fil-hin. Is-Segretarju Ezekuttiv kompliet billi spjegat li l-Audited Financial Statement gew iffirmati mis-Sur Cordina bhalha Vici-Sindku imma dawn ma gewx accettati. Minhabba li riedu jergghu jigu ffirmati u s-Sindku kien indispost, meta dawn finalment gew iffirmati gew prezentati tard. L-istess gara bil-Management Letter. Din kienet ilha ghand is-Sindku granet shah imma hu gie rikoverat l-isptar fis-17 ta' Awissu u meta gie nieqes kellha tigi ffirmata mis-Sindku l-gdid u tintbghat tard. Kjarifika ohra saret mis-Sur Cassar u s-Sur Spiteri fuq id-deficit li kien dovut ghall-organizazzjoni ta' Lejl ghat-Tard liema spiza giet €25,000 iktar minn dak ibbagitjat u li naturalment mhix ha ssir kull sena, z-zieda fl-onorarja tas-Sindku li ntalbet biex tigi ritornata lura mid-Direttur lid-Dipatiment mis-Sur Cordina meta dan qas biss kellu x'jaqsam maghha u li s-Sur Pace kien irrifjuta li jghaddi lura minhabba li hu kien diga' allokahom u naturalment is-Sinjura Pace m'ghandhiex minfejn tghaddihom lura. Fuq dan kollu naturalment hemm ittra li ntbaghtet lid-Dipartiment bhalha spjegazzjoni fuq kollox.
- Li nibdew nitolbu rati ahjar ghar-riklami fuq il-U-bends u nimxu skond il-Bye-law u jekk dawn mhux bizzejjed issir emenda ghax hawn hafna reklamar madwar ir-rahal li mhux qed jinzammu flus ghalihom bizzejjed. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hi ticcargja skond il-Bye-law u l-qies. Jekk hemm bzonn jigu riveduti.
- Issir reminder fuq it-30km zone minhabba li ghadna bla risposta.
- Progett ghar-Ricikklagg ta' tessuti min-naha ta' ReFab, inizjattiva tal-iskola San Andrea flimkien ma' kumpanija privata sabiex dawn it-tessuti jintbaghtu barra u jigu ricikklati. Din l-ideja intghogbot u ha jsir kuntatt mas-Sur David Micallef sabiex tinzamm laqgha dwar dan il-progett.
- Fakkar fuq il-protest lis-Sid tal-Barriera ta' Wied Incita.

Is-Sur Zammit ressaq dan il-punti:

- Talab li tigi rrangata l-bankina ta' faccata l-G&G Supermarket minhabba li hi kollha mkissra, s-sid ma jistax jigi kkuntatjat u qed tintuza bhalha latrina. Is-Sur Caruana ha jigi nfurmat sabiex naraw x'jista' jsir.
- Li jsir ir-*refreshing* tal-linji quddiem id-dar 'Unicorn', Triq il-Palm....
- Li l-bozza ta' quddiem id-dar 'Blossoms', Triq il-Mosta hija maqtugha. Din ghandha tigi rrangata.

Is-Sur John P.Bonnici ressaq dan il-punti:

- Li regghet tkissret il-bollard ta' quddiem l-Art at Home.

- Li hemm hafna hofor Triq l-Gharix u Triq iz-Zir.
- Li Triq l-Imdina quddiem Wied Incita hemm tappiera thabbat u li
- F'Wied Incita ghad hemm bicca konkos li minkejja diversi rapporti ghadha hemm.

.

**8. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fid-8.00pm ghall-ahhar gimgha ta' Jannar 2012.

_________________________ _____________________

Sindku Data